Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 26 ta' Ġunju 2026**
**(OR. en)**

**11199/26**
**ADD 1**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2026/0169 (COD)**

**ENER 472**
**ENV 857**
**TRANS 455**
**CONSOM 215**
**COMPET 881**
**COTRA 57**
**SIMPL 174**
**CODEC 1325**
**IA 188**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 25 ta' Ġunju 2026 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2026) 565 annex |
| Suġġett: | ANNESSI<br>ta'<br>Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1369 u r-Regolament (UE) 2020/740 dwar is-simplifikazzjoni u l-użu aħjar tal-għażliet diġitali għat-tikkettar tal-enerġija u tat-tajers |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 565 annex.

---

Mehmuż: COM(2026) 565 annex

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.6.2026
COM(2026) 565 final

ANNEXES 1 to 3

# ANNESSI

**ta'**

**Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1369 u r-Regolament (UE) 2020/740 dwar is-simplifikazzjoni u l-użu aħjar tal-għażliet diġitali għat-tikkettar tal-enerġija u tat-tajers**

{SEC(2026) 565 final} - {SWD(2026) 565 final} - {SWD(2026) 566 final}

# ANNESS I

"ANNESS III

## INFORMAZZJONI PUBBLIKA LI TRID TIDDAĦĦAL FIL-BAŻI TAD-DATA TAL-PRODOTTI MILL-FORNITUR

Skont il-punt 1 tal-Artikolu 5, il-fornitur għandu jdaħħal fil-bażi tad-data tal-prodotti l-informazzjoni kif stabbilita fit-Tabelli III A-D hawn taħt, li ssir l-iskeda tal-informazzjoni dwar il-prodott. Il-materjal promozzjonali jew dokumenti kummerċjali oħra pprovduti mat-tajer għandhom jinkludu n-numru tar-reġistrazzjoni tal-EPREL jew il-link jew il-kodiċi QR li jwasslu għar-reġistrazzjoni tat-tip ta' tajer fl-EPREL.

**Tabella III A**

**Skeda tal-Informazzjoni dwar il-Prodott**

**Tajers C1, tajers C2 u tajers C3**

<table>
<tr><td rowspan="1">1</td><td>Isem kummerċjali jew trademark:</td><td colspan="2">test</td><td colspan="2">Deżinjazzjoni kummerċjali:</td><td colspan="2">test</td></tr>
<tr><td>2</td><td>Identifikatur tat-tip ta' tajer (kodiċi/numru tal-oġġett):</td><td colspan="2">test</td><td colspan="2">Klassi tat-tajer:</td><td colspan="2">C1 / C2 / C3</td></tr>
<tr><td rowspan="2">3</td><td rowspan="2">Deżinjazzjoni tad-daqs tat-tajer:</td><td>xxx</td><td>xx</td><td>R / B / D</td><td>xx</td><td>xx</td><td>E/F/G/J/K/L/M/N/P/Q/R/S/</td></tr>
<tr><td>wisa' nominali tas-sezzjoni (s1) /</td><td>ratio tal-aspett nominali</td><td>tip ta' kostruzzjoni</td><td>dijametru nominali "d" tar-rimm f'pulzieri</td><td>indiċi tal-kapaċità għat-tagħbija</td><td>klassifikazzjoni tal-veloċità</td></tr>
<tr><td>4</td><td>Klassi tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil:</td><td colspan="2">A / B / C / D / E</td><td colspan="2">Valur tal-koeffiċjent tar-reżistenza għad-dawrien (N/kN)</td><td colspan="2">x,x</td></tr>
<tr><td>5</td><td>Klassi tal-qabda fuq l-imxarrab:</td><td colspan="2">A / B / C / D / E</td><td colspan="2">Valur tal-indiċi tal-qabda fuq l-imxarrab</td><td colspan="2">x,xx</td></tr>
<tr><td>6</td><td>Klassi tal-istorbju estern tad-dawrien:</td><td colspan="2">A / B / C</td><td colspan="2">Livell tal-istorbju estern tad-dawrien f'dB(A):</td><td colspan="2">xx</td></tr>
<tr><td>7</td><td>Għall-użu f'kundizzjonijiet severi ta' borra (markatura ta' 3PMSF):</td><td colspan="2">iva / le</td><td colspan="2">Għall-użu f'kundizzjonijiet severi ta' borra (markatura ta' stalagmit tas-silġ):</td><td colspan="2">iva / le</td></tr>
<tr><td>8</td><td>Numru taċ-ċertifikazzjoni tat-tajer (approvazzjoni tat-tip):</td><td colspan="2">test</td><td colspan="2">Reviżjoni tal-UNECE:</td><td colspan="2">test</td></tr>
</table>

**Parametri komplementari mhux rilevanti għall-verifika tal-konformità**

**Tabella III B**

**Tajers C1**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *1 A* | Mobbiltà estiża [(1)]: | *(RF) Run flat/EMT) Mobbiltà estiża/Ċirku ta' Appoġġ* | | |
| *2 A* | Markatura tal-marka tal-vettura OEM*:* | *Ebda/Marka OEM* | *Marka/i tal-vettura* | |
| *3 A* | Kategorija tal-użu [(4)]: | *użu normali/speċjali* | Jekk użu speċjali: | *M&S / ET* |

**Tabella III C**

**Tajers C2**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *1 B* | Mobbiltà estiża: | *RF/EMT/Ċirku ta' Appoġġ* | | |
| *2 B* | Deskrizzjoni ta' servizz addizzjonali: | *xxx* | *xxx* | *E / F / G / J / K / L / M / N / P / Q / R / S / T / U / H* |
| | | indiċi tal-kapaċità għat-tagħbija għal muntatura unika | indiċi tal-kapaċità għat-tagħbija għal muntatura doppja | simbolu tal-kategorija tal-veloċità |
| *3 B* | Kategorija tal-użu [(4)]: | *użu normali/speċjali* | Jekk użu speċjali: | *M&S / ET / ML / MPT (tista' tagħżel aktar minn waħda)* |

**Tabella III D**

**C3 tajers ġodda**

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| *2C* | Profil tal-missjoni:<br>(tista' tagħżel aktar minn waħda) [(2)]: | *Distanza twila* | *Reġjonal i* | *Urban* | *Muniċipal i* | *Kostruzz joni (fit-triq u mhux fit-triq)* |
| | | *iva / le* | *iva / le* | *iva / le* | *iva / le* | *iva / le* |
| *1C* | Pożizzjoni tal-fus [(3)]: | *F / D / T / Z* | Jekk il-fus = T: *FRT* | | | |
| *3C* | Deskrizzjoni tas-servizz addizzjonali (indiċi tal-kapaċità għat-tagħbija): | *xxx* | *xxx* | | *E / F / G / J / K / L / M / N / P / Q / R / S / T / U / H* | |
| | | muntatura | muntatura doppja | | simbolu tal- | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | unika | | kategorija tal-veloċità |
| *4 C* | Fond tat-tread (mm): | *xx* | Valur tal-indiċi tal-qabda fuq l-imxarrab ta' tajer nofsu mikul: | *x,xx* |
| *5 C* | Kategorija tal-użu [(4)]: | *użu normali/speċjali* | Jekk użu speċjali: | *M&S / ET / ML / MPT (tista' tagħżel aktar minn waħda)* |

[(1)] RF) Run flat, markatura b'simbolu ta' bebbuxu, / EMT) Mobbiltà estiża, markatura b'simbolu ta' spiral, UNECE R30 E/ECE/324/Rev.1/Add.29/Rev.3/Emend.7

[(2)] Mill-Anness I, it-tabella 1, tar Regolament 2017/2400

[(3)] F = quddiem, D = motorizzat, T = karru, Z = kwalunkwe, FRT = dawrien liberu bħal fl-UNECE R.54 E/ECE/324/Rev.1/Add.53/Rev.3/Emend.5

[(4)] Kif definit fl-UNECE R54 E/ECE/324/Rev.1/Add.53/Rev.3, fl-R.117 E/ECE/324/Rev.2/Add.116/Rev.5 u fl-R.54 E/ECE/324/Rev.1/Add.53/Rev.3/Emend.5

## ANNESS II

L-Anness IV tar-Regolament (UE) 2020/740 huwa emendat kif ġej:

(1) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"INFORMAZZJONI LI TRID TINGĦATA FIR-REKLAMI VIŻIVI, FIL-KATALGI TAL-PRODOTTI, FIL-MATERJAL PROMOZZJONALI TEKNIKU U FIL-BEJGĦ MILL-BOGĦOD, INKLUŻ IL-BEJGĦ MILL-BOGĦOD FUQ L-INTERNET"

**(2)** il-punti 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**1. Materjal stampat**

(I.) Għall-finijiet li tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 4(3), 4(4) u 6(2), fir-reklami viżivi, fil-katalgi tal-prodotti u fil-materjal promozzjonali tekniku, u fil-każ tal-bejgħ mill-bogħod ibbażat fuq il-karta u l-bejgħ mill-bogħod ibbażat fuq it-telekummerċjalizzazzjoni, il-klassi tar-reżistenza għad-dawrien u l-medda tal-klassijiet disponibbli fuq it-tikketta, il-klassi tal-qabda fuq l-imxarrab u l-medda tal-klassijiet disponibbli fuq it-tikketta u l-klassi u l-valur tal-istorbju estern tad-dawrien għandhom jintwerew kif indikat fl-Illustrazzjoni 1, u f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet addizzjonali li ġejjin:

(a) għandhom jintużaw "vleġeġ tal-klassi", li jkun fihom l-ittra, li tindika l-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil, il-qabda fuq l-imxarrab u l-istorbju, iċċentrata fil-parti rettangolari tal-vleġġa;

(b) il-vleġeġ tal-klassi għandu jkollhom bordura, u l-kulur tal-isfond intern għandu jaqbel mal-kulur tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil, tal-qabda fuq l-imxarrab u tal-klassi tal-istorbju rispettivament fit-tikketta sħiħa;

(c) it-tipa tal-"ittra tal-klassi" għandha tkun Noto Sans, grassa, 100 % bajda, b'kontorn 100 % iswed u b'daqs ekwivalenti għal dak tal-prezz, jekk jintwera l-prezz;

(d) it-tipa tal-medda tal-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika disponibbli għandha tkun Noto Sans, 100 % sewda fuq sfond abjad.

| | | |
|---|---|---|
|  **(a) vleġġa tal-klassi, b'medda ta' klassijiet tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil** |  **(b) vleġġa tal-klassi, bil-medda tal-klassijiet tal-qabda fuq l-imxarrab** |  **(c) vleġġa tal-klassi, b'medda ta' klassijiet tal-istorbju estern tad-dawrien** |

*Illustrazzjoni1: eżempju tal-vleġeġ tal-klassi, bil-medda tal-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika*

(II.) B'deroga mill-punt I, jekk ir-reklam viżiv, il-materjal promozzjonali tekniku jew il-bejgħ mill-bogħod ibbażat fuq il-karta jiġi stampat b'mod monokromatiku, il-punti I.(b) u I.(c) jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

(b) il-vleġġa tal-klassi għandu jkollha bordura li taqbel mal-kulur tal-isfond, u l-isfond intern ma għandux ikollu kulur;

(c) it-tipa tal-"ittra tal-klassi" għandha tkun Noto Sans, grassa, 100 % sewda, u b'daqs ekwivalenti għal dak tal-prezz, jekk jintwera l-prezz.

**2. Materjal online**

(III.) Għall-finijiet li tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 4(3), 4(4) u 6(2), fir-reklami viżivi, fil-katalgi tal-prodotti u fil-materjal promozzjonali tekniku, fil-bejgħ mill-bogħod u fit-telekummerċjalizzazzjoni fuq l-internet, kemm għall-prodotti kif ukoll għall-imballaġġi, il-klassi tar-reżistenza għad-dawrien u l-medda tal-klassijiet disponibbli fuq it-tikketta, il-klassi tal-qabda fuq l-imxarrab u l-medda tal-klassijiet disponibbli fuq it-tikketta u l-klassi u l-valur tal-istorbju estern tad-dawrien għandhom jintwerew kif indikat fl-Illustrazzjoni 1, f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet addizzjonali li ġejjin:

(a) kull immaġni tal-vleġġa tal-klassi għandha tkun il-wiri integrat tat-tikketta stabbilita fl-Anness III u kif disponibbli mill-bażi tad-data tal-prodotti;

(b) it-tikketta għandha tintwera permezz ta' pop up, tab ġdida, paġna ġdida jew skrin inset u trid tidher mal-ewwel klikk tal-maws jew ċaqliq tal-vleġġa tal-maws fuq l-immaġni tal-vleġġa tal-klassi;

(c) biex it-tikketta titkabbar fuq l-iskrins tattili, għandhom japplikaw il-konvenzjonijiet tal-apparat għat-tkabbir tattili;

(d) it-tikketta għandha tieqaf tintwera b'għażla ta' għeluq jew b'xi mekkaniżmu standard ieħor ta' għeluq;

(e) it-test alternattiv għall-immaġni tal-vleġġa tal-klassi, li jidher biċ-ċaqliq tal-vleġġa tal-maws fuq l-immaġni, għandu jkun rispettivament "klassi tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil hija", "klassi tal-qabda fuq l-imxarrab hija", "klassi tal-istorbju estern tad-dawrien hija", segwit mill-ittra tal-klassi u t-test "(medda A-x)", fejn "x" hija l-agħar klassi permessa.

(f) test li jindika "Skeda tal-Informazzjoni dwar il-Prodott", qrib il-vleġġa tal-klassi, għandu jagħti aċċess dirett għall-iskeda tal-informazzjoni dwar il-prodott, kif disponibbli mill-bażi tad-data tal-prodotti, jew għall-paġna mudell fil-bażi tad-data tal-prodotti.".

## ANNESS III

L-Anness VII tar-Regolament (UE) 2020/740 huwa emendat kif ġej:

(1) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

L-INFORMAZZJONI LI TRID TIDDAĦĦAL FIL-PARTI TAL-KONFORMITÀ TAL-BAŻI TAD-DATA TAL-PRODOTTI MILL-FORNITUR";

(2) il-punt 1 jitħassar.

(3) il-punt 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Informazzjoni li trid tiddaħħal fil-parti tal-konformità tal-bażi tad-data tal-prodotti:

(a) l-identifikatur tat-tip ta' tajer ta' tipi ekwivalenti ta' tajers imqiegħda fis-suq;

(b) il-parametri tal-iskeda tal-informazzjoni dwar il-prodott stabbiliti fl-Anness III, it-Tabella III A li huma parti mill-valutazzjoni tal-konformità;

(c) kopja tad-dokument tal-approvazzjoni tat-tip rilevanti għall-familja speċifika tat-tip ta' tajer;

(d) kopja tar-rapporti tat-test għal kwalunkwe parametru fit-tikketta jekk il-klassi tikkorrispondi għal koeffiċjent tar-reżistenza għad-dawrien, għal indiċi tal-qabda fuq l-imxarrab jew għal valur tal-emissjoni ta' storbju aktar favorevoli minn dak li jikkorrispondi għall-agħar każ kif jirriżulta mid-dokumentazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip fil-punt (c). Ir-rapporti tat-test jistgħu jkunu dawk li jikkorrispondu għall-approvazzjoni tat-tip jew kwalunkwe livell ekwivalenti ieħor ta' akkuratezza li jiġġustifika l-valuri ddikjarati;

(e) alternattivament għall-punt (d), meta l-valur iddikjarat ma jikkorrispondix għal riżultat tat-test, il-fornitur għandu jipprovdi deskrizzjoni dettaljata ta' kif ġie ddeterminat il-valur użat biex tiġi ddeterminata l-klassi. Kwalunkwe proċedura ta' simulazzjoni jew estrapolazzjoni trid tiżgura li l-valuri ddikjarati jkunu identiċi — jew agħar — minn dawk miksuba f'test fiżiku tad-dimensjoni rilevanti tat-tajer;

(f) prekawzjonijiet speċifiċi, jekk ikun hemm, li għandhom jittieħdu meta t-tip ta' tajer issirlu manutenzjoni, jiġi mmuntat jew jiġi ttestjat.".